MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2008

Talba Numru. 1101/2006

**Phone Direct Ltd (C27107)**

**VS**

**Dual Zone u Brian Buhagiar**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fil-21 ta' Dicembru 2006, fejn gie mitlub sabiex il-konvenuti jew minn minnhom jigu kkundannati jhallsu l-ammont ta' mitejn tlieta u erbghin Liri Maltin u tletin centezmu (LM243.00) konsistenti fi drittijiet dovuti lis-socjeta` attrici ghar-reklamar fir-rivista 'Phone Direct' skond il-booking order annessa u mmarkata bhala Dok A. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 14 ta' Gunju 2006 (ittra ufficjali nru 3970/06) u l-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tal-konvenuti tat-13 ta’ April 2007 fejn gie eccepit illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Illi fil-verita` l-esponenti kien ghamel riklam f’magazine tas-socjeta` attrici li kellu johrog f’Dicembru u dana sabiex jigu reklamati l-prodotti ta’ l-esponenti ghall-jiem festivi; Illi l-magazine beda jitqassam fit-22 ta’ Dicembru, ftit jiem qabel il-Milied; Illi dan kollu renda ineffikaci r-riklam ta’ l-esponenti; Illi s-socjeta` attrici verbalment ammettiet l-akkadut u offriet li taghti lill-esponenti riklam “extra” b’xejn f’hargiet futuri; Illi minflok saret dina l-kawza. Bl-ispejjez.

Ra d-dokumenti kollha esebiti u sema` x-xhieda kollha prodotti.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi meta xehed Raymond Galea in rapprezentanza tas-socjeta` attrici (14.06.07) hu xehed illi t-tqassim jibda f’kull l-ewwel jum tax-xahar kalendarju u jdum madwar sitt ijiem. B’dana kollu fix-xahar ta’ Dicembru in kwistjoni kien hafna maltemp u t-tqassim beda fid-9 tax-xahar u baqa` ghaddej sat-23 ta’ Dicembru, meta t-*target* kieku t-temp ippermetta kien tas-16 ta’ Dicembru. Qal illi kien offra skont qawwi lill-konvenuti pero` ma wasslux ghal ftehim.

Xehed wkoll Oliver Aguis in rapprezentanza tad-ditta konvenuta Dual Zone (9.04.08) li qal illi huwa ried jirreklama ghal zmien il-Milied tas-sena in kwistjoni u meta ra illi l-magazine kien ittardja biex johrog, kien cempel ghand is-socjeta` attrici diversi drabi, bir-risposta li jiehu kienet illi kellhom problema interna, pero` illi kien ser jitqassam. Jghid illi kien ipprotesta ruhu mas-salesman tas-socjeta` attrici – li offrielu kumpens b’riklam b’xejn – pero` baqa` qatt ma wasal.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi l-konvenuti rreklamaw fil-magazine ‘Phone Direct’ tax-xahar ta’ Dicembru 2005 – u dan skond il-ftehim milhuq f’Settembru ta’ l-istess sena.

Huwa pacifiku illi jinghad – ghax hekk jirrizulta mill-istess xhieda ta’ Raymond Galea illi t-tqassim tal-magazine idum madwar sitt ijiem u jibda` kull l-ewwel jum tax-xahar. Pacifiku wkoll jinghad – ghax hekk jirrizulta – illi almenu sat-22 ta’ Dicembru kien ghadu qed isir it-tqassim. Di fatti l-istess Raymond Galea jikkonferma illi t-tqassim dam ghaddej sat-23 ta’ Dicembru “*meta t-target, kieku t-temp ippermetta, kien illi x-xoghol kollu jitqassam sas-16 ta’ Dicembru*”.

Illi l-konvenuti giustament ipprotestaw ghall-akkadut ghax l-interess taghhom kien illi ghal zmien il-Milied ir-reklam ikun wasal ghand il-konsumatur. Zgur illi dan ma sarx, tant illi s-socjeta` attrici dan fehmitu u anke offriet skont qawwi jew reklamar alternattiv – li pero` baqa` qatt ma` sar.

Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet ghalhekk, l-eccezzjonijiet tal-konvenuti huma legittimi, ghax jekk jigu ordnati jhallsu s-somma mitluba, jigu li jkunu qed ihallsu ghal servizz illi huma ma nghatawx kif ordnawh.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li qis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jilqa` l-eccezjonijiet tal-konvenuti, jichad t-talba attrici.

Bl-ispejjes ta’ din l-istanza kontra l-istess socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------